PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/0078(CNS)

7.7.2006

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li permezz tagħha ser tiġi modifikata u estiża d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fir-rigward ta' skambji, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-Euro mill-falsifikazzjoni tal-flus (il-programm 'Pericles')
(COM(2006)0243 – C6-0179/2006 – 2006/0078(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, minbarra fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat tal-KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat ta' l-UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa biex jiġi approvat it-test konġunt*

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

PROYECTO DE RESOLUCIÓN LEGISLATIVA DEL PARLAMENTO EUROPEO..**Error! Bookmark not defined.**

EXPOSICIÓN DE MOTIVOS .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li permezz tagħha ser tiġi modifikata u estiża d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fir-rigward ta' skambji, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-Euro mill-falsifikazzjoni tal-flus (il-programm 'Pericles')
(COM(2006)0243 – C6-0179/2006 – 2006/0078(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0243)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123, paragrafu 4, it-tielet sentenza tat-Trattat KE, skond liema paragrafu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0179/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Baġit u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0000/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-programm "Pericles" huwa programm komunitarju fir-rigward ta' skambji, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-Euro kontra l-falsifikazzjoni tal-flus. Dan il-programm inħoloq b'deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001, u għandu l-għan li jappoġġja u jtemm l-azzjonijiet li bdew l-Istati Membri u l-programmi eżistenti fir-rigward tal-ħarsien ta' l-Euro kontra l-falsifikazzjoni tal-flus. Dawn il-miżuri fl-essenza tagħhom jinkludu l-iskambji ta' informazzjoni (seminars, *workshops,* laqgħat u konferenzi), perjodi ta' prattika u skambji ta' ħaddiema, kif ukoll għajnuna teknika, xjentifika u operattiva.

L-Artikolu 13, paragrafu 3, ittra a) tad-Deċiżjoni "Pericles" kien jesiġi l-preżentazzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni tal-programm, akkumpanjat minn proposta xierqa dwar it-tkomplija jew l-adattament tal-programm. Dan l-ewwel rapport sar u ġie ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2004. Fit-8 ta' April 2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fuq il-bażi tagħha il-Kunsill estenda l-programm għall-2006, flimkien ma' għotja finanzjarja ta' miljun Euro, fl-istennija ta' ftehim definittiv dwar il-prospettivi finanzjarji 2007/2013.

Dan l-istess Artikolu talab ukoll għall-preżentazzjoni ta' rapport dettaljat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa qabel it-30 ta' Ġunju 2006, dwar l-applikazzjoni u r-riżultati tal-programm: il-Kummissjoni laqgħet dan l-obbligu permezz tad-dokument tagħha tat-23 ta' Mejju 2006. Ir-riżultat kien sitwazzjoni dinjija favorevoli, b'rata minima ta' falsifikazzjoni, li hija l-frott ta' preparazzjoni serja u ta' livell għoli ta' koperazzjoni tas-servizzi msemmija.

Il-programm "Pericles" bla dubju ta kontribut qawwi fir-rigward tal-ħarsien ta' l-Euro u tal-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-flus, liema kontribut jiġġustifika t-tkomplija tiegħu fuq il-bażi attwali. B'mod partikulari, tejjeb il-perċezzjoni tad-dimensjoni komunitarja ta' l-Euro u ppermetta lill-parteċipanti li jifhmu aħjar il-leġiżlazzjoni u l-istrumenti relatati, bħal pereżempju l-elementi relevanti tad-Dritt Komunitarju u l-Liġi Ewropea b'mod ġenerali. Xi tibdiliet żgħar - fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni - jistgħu madankollu jsiru bil-għan li jkabbru l-parteċipazzjoni ta' setturi oħra distinti mis-servizzi ripressivi (is-settur bankarju, il-kmamar tal-kummerċ, l-avukati speċjalizzati), fi progressjoni kostanti iżda dejjem insuffiċjenti.

Iżda, b'livell globali ta' impenn ta' 80% ta' l-ammont ta' referenza inizjali fil-perjodu 2002-2006, maqsum fuq 64 proġett li jinvolvu mhux anqas minn 76 pajjiż, li l-eżaminazzjoni tagħhom fid-dettall turi l-kumplimentarità bejn il-livelli nazzjonali u dawk komunitarji (48 inizjattiva ta' l-Istati Membri, 16 tal-Kummissjoni u/jew ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)), "Pericles" laħaq l-għanijiet tiegħu bis-sħiħ: joħroġ ċar b'mod speċjali li minbarra l-Istati Membri ta' l-Unjoni u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni (Bulgarija u Rumanija), il-programm ippermetta wkoll li jiġi identifikati żoni ġeografiċi sensittivi li kellhom effett ewlieni fuq il-produzzjoni ta' flus foloz, bħalma hija l-Kolombja. Dan l-ambitu internazzjonali tal-program wassal għal titjib strutturali notevoli, b'mod partikulari bil-ħolqien u l-istabbiliment f'diversi pajjiżi ta' uffiċji nazzjonali ċentrali inkarigati mill-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-flus.

Finalment jista' jifraħ dwar l-involviment sistematiku tal-BĊE, l-Europol u organizzazzjonijiet oħra Ewropej fl-azzjonijiet "Pericles", kemm fil-fażijiet ta' l-evalwazzjoni u ta' l-eżekuzzjoni tal-programm (l-EUROPOL u l-OLAF) kif ukoll fil-koordinazzjoni tal-programm ma'

azzjonijiet oħra ta' taħriġ garantiti mill-grupp ta' esperti "l-Iffalsifikar ta' l-Euro", li jgħaqqad esperti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati kollha (EUROPOL, INTERPOL u l-OLAF).

Il-Kunsill, li adotta l-ftehim finali dwar il-prospettivi finanzjarji għall-perjodu 2007-2013 waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2005, illum jipproponi li d-Deċiżjoni "Pericles" tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 issa tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2013, bil-għan li l-programm ikun jikkorrispondi mal-perjodu tal-prospettivi finanzjarji komunitarji, u li b'hekk tkun possibbli l-koordinazzjoni ta' l-approvazzjoni tal-programmi, u jiġu evitati proċeduri mmirati biex jimlew l-intervalli. L-ammont annwali ta' miljun Euro jibqa' bla tibdil, u b'hekk l-estensjoni tikkorrispondi għal baġit totali ta' 7 miljuni, biex tkopri l-bżonnijiet sat-tmiem ta' l-2013.

Ir-Rapporteur jipproponi li l-Parlament Ewropew japprova b'dawn il-kundizzjonijiet il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni mill-Kunsill ta' Deċiżjonijiet li, minn naħa l-waħda, jimmodifikaw u jestendu d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fir-rigward ta' skambji, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-Euro mill-falsifikazzjoni tal-flus (il-programm "Pericles"), u minn naħa l-oħra, jestendu l-applikazzjoni ta' dan il-programm għall-Istati Membri mhux parteċipanti.